Minuti tal-Laqgħa Nru. 34 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ħamis 22 ta' Marzu 2018 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar |
| | Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sur. Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
5. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet. Proponent il-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondat mill-Kunsill Victor Caruana

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Victor Caruana saqsa fuq il-preparazzjonijiet ta' Jum Ħal Luqa. Is-Sindku semma li se jkun hemm diskussjoni apposta waqt il-laqgħa fuq dan is-suġġett.

2.2 Il-Kunsillier Victor Caruana semma fuq punt 3.7, biex isiru xi speed cameras għall Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal li dawn se naħdmu fuqhom. Il-Kunsillier Caruana semma li rridu naraw naqa fejn hemm bżonn aktar tabelli u jlesti lista tagħhom, fosthom New Street, Triq ir-Rixtellu u fi Triq Sant' Andrija.

2.3 Il-Kunsillier Caruana semma li jridu jsiru il-marki tal-Give Way fl-art fi Triq Sant' Andrija. Is-Sindku qallu biex jiġi filgħodu l-aħjar u juri l-ħaddiema.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li qabel fi Triq il-Karmnu kien hemm tabella biex ma jipparkjawx fil-parti fejn hemm Frankie tal-ħaxix. Huwa qal li dan l-aħħar kien hemm karozza li pparkjat u ħolqot konġestjoni sħiħa hemmhekk. Huwa qal biex hawnhekk isiru tabelli biex ma jkunx hemm long vehicles.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm kaptell quddiem il-Curtain Raiser li jinsab miksur u hemm bonn jinbidel.

3.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq ir-railing li kellu jsir wara l-Monument tal-Gwerra. Is-Segretarju semma li huwa kien kellem lil minn kellu jagħmlu u bagħatlu anki purchase order biex ikun jista jibda x-xogħol.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li għalkemm kien sar ix-xogħol tar-restawr fuq iċ-Ċimiterju ta' San Tumas issa irrdu naraw fuq il-kanċelli billi dan qed jiddendel l-isfel.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma biex kieku qabel ma tispiċċa din il-leġislatura nippruvaw nirranġaw il-lattrina. Is-Sindku qal li l-aħjar issir stima qabel kemm tiġi tiswa biex din tkun irranġata.

3.6 Il-Kunsillier Camilleri semma li dakinhar ta' Jum Ħal Luqa nistgħu nirranġaw biex issir il-kummuttiva fil-Pjazza. Din ikun fiha madwar 70 żeffien.

3.7 Il-Viċi Sindku semmiet li minn naħa tar-Reġjun hemm xi fondi apposta li aħna nistgħu nużawhom għall dawn l-attivitajiet kulturali biex xi spejjeż jiġu mħallsa minnhom.

3.8 Il-Kunsillier Camilleri semma li s-Sur. Mario Camilleri kien issuġġerielu li nistgħu nġibu xi għana waqt l-attivita ta' Jum Ħal Luqa u dawn hemm xi fondi apposta għalihom minn naħa tal-Ministeru tal-Kultura.

3.9 Il-Kunsillier Camilleri semma li issa għall Baned aktar ma noqorbu għall attività navviċinawhom aktar il-quddiem.

3.10 Il-Kunsillier Camilleri issuġġerixxa biex din id-darba għall attività intellgħu advert fuq Facebook u jekk inħallsu xi ħaġa dan ikun promoted ma' diversi entitajiet u individwi. Id-data proposta kienet għall weekend li jiġi wara Jum Ħal Luqa li din is-sena se tkun is-Sibt 19 ta' Mejju.

3.11 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa jekk nistgħux nqassmu xi drinks għall dawk li se jingħataw Ġieħ Ħal Luqa f' ġurnata apparti Jum Ħal Luqa. Is-Sindku qal li l-aħjar okkażżjoni tkun dakinhar ta' Jum Ħal Luqa issir il-Quddiesa u ri.

3.12 Il-Kunsillier Camilleri semma li l-unika art li għad fadal ġo Ħal Luqa u tista tkun tal-Gvern hija dik li tmiss ma Triq il-Ġdida. Huwa semma li nistgħu nibgħatu formola GLA3 lill-Lands biex nagħmlu enquiry fuqha u naraw nistgħux noħolqu spazju rikreattiv għan nies ta' Ħal Luqa wara li nitolbu devoluzzjoni.

3.13 Is-Sindku semma li huwa kien kiteb lit-Transport Malta fuq it-traffic management li kellu jsir f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Huma tawh ir-risposta li minn naħa tagħhom se jagħmlu dan ix-xogħol għall ħabta ta' Mejju.

3.14 Is-Sindku semma li konna rċevejna stedina minn naħa tal-Kunvent tal-Agostinjani tal-Belt li se jkun miftuħ il-Kunvent tagħhom matul dawn il-jiem biex jekk inkunu interessanti norganniżaw ħarġa għall hawn.

3.15 Is-Sindku qara stedina minn naħa tal-ħabs fuq dramm tal-passjoni li kienu se jtellgħu sabiex jekk aħna interessati nattendu.

3.16 Is-Sindku informa lil Kunsill Lokali li konna irċevejna l-aħħar ħlas fuq il-Bandli mill-iskema li konna applikajna għaliha.

**Il-Kunsillier Kearon Bruno daħal għas seduta fis-5.55 p.m.**

3.17 Is-Sindku semma li kien hemm email fuq proġett Life+ fejn saqsew lil dawk il-Kunsilli Lokali interessati li jkollhom vettura li taħdem bid-dawl. Is-Sindku qal li għandna napplikaw għall din l-iskema.

3.18 Is-Sindku semma li minn naħa tat-TCTC kienu qed jipproponu li jsir kors tal-kompjuter għas Sajf lit-tfal li se jkun jikkonsisti din id-darba fuq ir-Robotica u Coding għat tfal.

3.19 Is-Sindku semma li kien hemm ittra fuq il-Week of Sacrifice għall ħaddiema tal-Gvern biex tagħtihom l-opportunita li jekk irridu jagħmlu xi forma ta' sagrifiċċju u jiġbru għall minn għandu l-bżonn.

3.20 Is-Sindku semma li kien hemm email rigward bejgħ ta' figolli b' risq il-Malta Community Chest Fund li tappella li jekk irridu nagħmlu xi ordni għalihom issir minn qabel.

## 4.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-ħlasijiet.

## 5.0 AĠĠORNAMENT

5.1 Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 22 ta' Marzu 2018 fis-6.00 pm. Kien hemm propost ġurnata wara l-15 t' April għall laqgħa li jmiss. Huwa reġa informa lill-Kunsilliera li issa kien imiss li tibda l-Laqgħa Anwali kif kien avżat.

Konfermati llum ________________________2018.

______________________ ______________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv